**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2021.**

**<u>Rikors nru: 432/2021 AGV ;</u>**

**ABC u DC**
**Vs**
**X**

**Il-Qorti rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 23 ta' Settembru 2021, fejn** esponew umilment:

1. Illi, il-partijiet izzewġu nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta` Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014), liema zwieġ ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta'

Malta bin-numru progressiv elf sebgħa mija u erbgħin tas-sena elfejn u erbatax (1740/2014) (kopja taċ-ċertifikat taz-zwieġ qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A');

2. Illi, miz-zwieġ tagħhom, il-partijiet kellhom tifla waħda – E- li twieldet fit-tlettax (13) ta` Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) (kopja taċ-ċertifikat tat-twelid qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'B');
3. Illi, l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutara Dottor Maria Micallef mill-għoxrin (20) ta` Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), u dana taħt il-kundizzjonijiet imnizzla fl-istess kuntratt (kopja tal-kuntratt qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'C');
4. Illi, skond il-kuntratt tas-separazzjoni personali, il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin, u għalhekk m'hemmx manteniment dovut fir-rispett tagħhom;
5. Illi, ukoll, skond l-imsemmi kuntratt, CD obbliga ruhu li jhallas lil ABC manteniment għall-minuri E ammontanti għas-somma ta` mitejn Ewro (€ 200.00) pagabbli kull xahar bil-quddiem, kif ukoll nofs l-ispejjez ordinarji relatati ma` saħħa u edukazzjoni ta'l-istess minuri;
6. Illi, l-partijiet qegħdin jiddikjaraw illi l-manteniment kif ukoll l-ispejjez l-oħra relatati mas-saħħa u edukazzjoni tat-tifla l-minuri dejjem tħallsu hekk kif hemm indikat fl-istess kuntratt sub-indikat;
7. Illi, l-partijiet qeghdin jiddikjaraw ulterjorment illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom iktar minn erba` (4) snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata u distinta minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, hekk kif emendat skond l-Att XXV tal-2021;

**Għaldaqstant, il-partijiet qegħdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-ħall taz-zwieġ bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiz-zmiem imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bill-ħall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jiġi rregistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.
Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**